

Brussell, 17 ta' Novembru 2022  
(OR. en)

14705/22

RECH 596

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	14421/22
Suġġett:	<i>Thejġija tal-Kunsill (Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)) fl-1 u t-2 ta' Diċembru 2022</i> Konklużjonijiet dwar l-Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni l-Ġdida - <i>Approvazzjoni</i>

---

1. Fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2020 dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka l-Ġdida (ŻER)<sup>1</sup>, il-Kunsill laqa' approċċ ġdid għall-innovazzjoni, filwaqt li rrikonoxxa li l-iżvilupp ta' strateġija ta' riċerka, innovazzjoni u diffużjoni trasformattiva u li tħares 'il quddiem kien meħtieġ biex jinkisbu l-prijoritajiet tal-Unjoni u jiġu żgurati t-tkabbir tal-produttività u l-kompetittività sostenibbli tagħha, filwaqt li enfasizza wkoll l-importanza ta' rabtiet adegwati fi ħdan u bejn l-ekosistemi tal-innovazzjoni u l-atturi tagħhom madwar l-Ewropa.

---

<sup>1</sup> 13567/20.

2. Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tas-26 ta' Novembru 2021 dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (R&I) fl-Ewropa<sup>2</sup>, fost il-valuri u l-prinċipji għar-R&I fl-Unjoni, il-Kunsill enfasizza l-importanza tas-sinerġiji mal-politiki settorjali u l-politika industrijali, sabiex tingħata spinta lill-ekosistemi tal-innovazzjoni, fost l-oħrajn, billi tiġi promossa l-koordinazzjoni tal-politiki u l-programmi tar-R&I li jappoġġaw l-iżvilupp ta' innovazzjonijiet rivoluzzjonarji u inkrementali madwar l-Unjoni.
3. Fil-5 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni ħarġet il-komunikazzjoni tagħha dwar Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni ġdida<sup>3</sup>, li l-oġettivi ġenerali tagħha huma li tistabbilixxi politika ta' innovazzjoni li tista' tixpruna rkupru sostenibbli u reżiljenti, li taċċellera t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u li tiżgura s-sovranità teknoloġika tal-Ewropa. Il-kuntest ġeopolitiku attwali jenfasizza l-ħtieġa li jiġi vvalutat mill-ġdid kif l-Unjoni qed tinvesti fl-innovazzjoni u li jsir adattament għall-mewġa l-ġdida tal-innovazzjoni billi tingħata spinta lill-innovazzjonijiet tat-teknoloġija profonda (jiġifieri l-innovazzjonijiet li għandhom l-għeruw tagħhom f'teknoloġiji avvanzati, skoperti xjentifiċi u l-inġinerija).
4. Fit-12 ta' Settembru 2022, bi tweġiba għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u sabiex jiġu enfasizzati l-azzjonijiet speċifiċi meħtieġa biex l-Unjoni tkun f'pożizzjoni ta' mexxejja globali fil-mewġa l-ġdida ta' innovazzjoni, il-Presidenza Ċeka ppreżentat abbozz ta' ġabra ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni l-Ġdida.
5. It-test ġie diskuss mill-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka fil-laqgħat tiegħu tat-22 ta' Settembru, is-17 ta' Ottubru u s-7 ta' Novembru 2022. L-aġġustamenti meħtieġa li rriżultaw mid-diskussjoni ddaħħlu fl-aħħar verżjoni tat-test, li ġiet aċċettata permezz ta' proċedura ta' silenzju informali li ntemmet fil-11 ta' Novembru 2022.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil milħuq fil-livell tekniku tat-test kif jinsab fl-Anness għal din in-nota, bil-ħsieb li jippreżenta l-abbozz ta' Konklużjonijiet għall-adozzjoni mill-Kunsill Kompetittività (Riċerka) fil-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2022.

---

<sup>2</sup> ĠU L 431, 2.12.2021, p. 1-9.

<sup>3</sup> COM(2022) 332.

**ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR L-AĠENDA EWROPEA**  
**GĦALL-INNOVAZZJONI L-ĠDIDA**

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

**FILWAQT LI JFAKKAR:**

- *fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2020 dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka l-Ġdida (ŻER)<sup>4</sup>, li jirrikonoxxu li huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex l-assi intellettuali u xjentifiċi tal-Unjoni jissarrfu fi prodotti u servizzi ġodda li jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-soċjetà, filwaqt li jenfasizzaw l-importanza li jkun hemm rabtiet adegwati fl-ekosistema tal-innovazzjoni Ewropea u bejn l-atturi tagħha biex jiġi żgurat li r-riżultati tar-riċerka jiġu valorizzati u applikati b'mod aktar rapidu fl-ekonomija u fis-soċjetà, u jirrikonoxxu li huwa meħtieġ l-iżvilupp ta' strateġija tal-innovazzjoni trasformattiva u orjentata lejn il-futur biex jiġu żgurati t-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività sostenibbli tal-Ewropa;*
- *fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-28 ta' Mejju 2021 dwar Approfondiment taż-Żona Ewropea tar-Riċerka: Nagħtu lir-riċerkaturi karreri u kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti u sostenibbli u nagħmlu ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ realtà<sup>5</sup>, li jenfasizzaw il-ħtieġa għal ħiliet u talenti u l-potenzjal li għandhom il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) u l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) fir-rigward tas-settur tal-edukazzjoni għolja biex titrawwem l-intraprenditorija fost ir-riċerkaturi u biex jiġu appoġġati l-ħolqien u l-espansjoni ta' negozji ġodda u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fl-Ewropa;*

---

<sup>4</sup> 13567/20.

<sup>5</sup> 9138/21.

- fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tas-26 ta' Novembru 2021 dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (R&I) fl-Ewropa<sup>6</sup>, li tistabbilixxi l-valuri u l-prinċipji għar-R&I fl-Ewropa u l-oqsma ta' prijorità għal azzjoni konġunta, tistieden lill-Istati Membri jagħtu prijorità lil investimenti u riformi li jindirizzaw il-prijoritajiet taż-ŻER, u tenfasizza s-sinifikanza ta' sinerġiji bejn il-politiki tar-R&I u dawk settorjali u l-politika industrijali sabiex tingħata spinta lill-ekosistema tal-innovazzjoni tal-Unjoni;
- fil-Konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Novembru 2021 dwar il-Governanza Futura taż-Żona Ewropea tar-Riċerka<sup>7</sup>, li jiddeskrivu l-Aġenda ta' Politika taż-ŻER u sett ta' Azzjonijiet volontarji taż-ŻER għall-perjodu 2022–2024 fl-oqsma ta' prijorità għal azzjoni konġunta identifikati fil-Patt;
- fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-5 ta' April 2022 dwar strateġija Ewropea li ssaħħaħ l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja (HEIs) għall-futur tal-Ewropa<sup>8</sup>, li jenfasizzaw il-ħtieġa li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jiġu mħeġġa jiżviluppaw kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab ekonomiċi, soċjali u industrijali fi ħdan l-ekosistemi lokali u reġjonali tar-R&I;
- fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Novembru 2020 dwar pjan ta' azzjoni għall-proprjetà intellettwali b'appoġġ għall-irkupru u r-reżiljenza tal-UE<sup>9</sup>, li tenfasizza kemm hija importanti l-ġestjoni tal-assi intellettwali u tal-proprjetà intellettwali għall-kompetittività tan-negozji innovattivi u l-pajjiżi tal-Unjoni;
- fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Lulju 2022 dwar Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni Ġdida<sup>10</sup>, li tistabbilixxi miżuri ewlenin biex l-Unjoni jkollha rwol ta' mexxejja dinjija fil-mewġa attwali tal-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda;

<sup>6</sup> ĠU L 431, 2.12.2021, p. 1-9.

<sup>7</sup> 14308/2021.

<sup>8</sup> 7936/22.

<sup>9</sup> COM(2020) 760.

<sup>10</sup> COM(2022) 332.

## PERSPETTIVI TA' POLITIKA ĠENERALI

1. JAFFERMA MILL-ĠDID ir-rwol kritiku li jaqdu t-tipi kollha ta' innovazzjoni biex jixprunaw il-kompetittività, il-ħolqien tal-impjiegi, il-prosperità u l-benesseri tal-Unjoni; JISĦAQ li l-innovazzjoni mmexxija mir-riċerka, li tipprovi soluzzjonijiet ibbażati fuq l-għarfien għall-isfidi dinjija, hija forza ewlenija li tixpruna l-ħolqien ta' swieq ġodda kif ukoll it-tiswir tagħhom; JENFASIZZA li l-innovazzjoni, fis-sens aktar ġenerali tagħha, li tinkludi l-innovazzjoni soċjetali, soċjali, kulturali u tas-settur pubbliku, hija faċilitatur essenzjali biex jintlaħqu l-oġettivi ta' politika tal-Unjoni, b'mod partikolari t-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali, kif ukoll l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs); JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jitkomplew u jissaħħu l-investimenti fir-riċerka fundamentali għall-ħolqien ta' għarfien u kapaċitajiet ġodda li jippermettu kull tip ta' innovazzjoni;
2. JAGĦRAF li l-Unjoni tinsab f'pożizzjoni tajba ħafna fil-produzzjoni tal-għarfien u li l-forom kollha ta' innovazzjonijiet, kemm dawk inkrementali kif ukoll dawk rivoluzzjonarji, huma essenzjali biex jimmassimizzaw il-valur soċjetali u ekonomiku tagħha u JENFASIZZA li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u n-negozji jaqdu rwol importanti f'dan il-proċess; JENFASIZZA l-importanza vitali li jissaħħu l-investimenti fl-edukazzjoni għolja u r-R&I, u li timxi 'l quddiem il-ħidma fuq riformi ta' politika inklużivi biex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-Unjoni bħala mexxejja globali tar-R&I, jiġi ottimizzat il-potenzjal tal-innovazzjoni tal-Unjoni u jinbena pedament sod għal funzjonament effiċjenti tal-ekosistema tal-innovazzjoni Ewropea; JENFASIZZA r-rwol deċiżiv ta' attivitajiet ta' valorizzazzjoni tal-għarfien;
3. JIRRIKONOXXI li l-Unjoni għandha l-kapaċità li tmexxi l-mewġa l-ġdida ta' innovazzjonijiet rivoluzzjonarji, tat-teknoloġija profonda u fixkiela, inkluż dawk appoġġati minn avvanzi inkrementali fit-teknoloġiji relatati, mirfuda mir-rwol ta' tmexxija dinjija tagħha fil-produzzjoni tax-xjenza u l-għarfien, infrastruttura industrijali b'saħħitha, ekosistema dejjem aktar vibranti ta' negozji ġodda, SMEs dinamiċi u istituzzjonijiet tar-riċerka u l-edukazzjoni b'reputazzjoni tajba, flimkien ma' esperjenza fit-tul fi sħubijiet pubbliċi-privati u orjentazzjonijiet ta' politika bbażati fuq l-evidenza, li jistabilixxu għanijiet ambizzjużi u orjentati lejn il-futur; JAQBEL li l-Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni l-Ġdida trid tkun ibbażata fuq approċċ komprensiv għall-innovazzjoni li jinkludi r-rwol tax-xjenzi soċjali u umanistiċi;

4. JIEĦU NOTA li l-kompetizzjoni dinjija u s-sitwazzjoni ġeopolitika kumplessa jitolbu ekosistema tal-innovazzjoni Ewropea aktar b'saħħha u avvanzata mhux biss biex tiffaċilita t-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali, iżda wkoll biex tiġi diversifikata l-provvista u jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi dannużi fuq fornituri esterni, biex tissaħħaħ il-provvista sigura u sostenibbli f'teknoloġiji kritiċi u materja prima, biex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq intern tal-Unjoni u biex tinkiseb awtonomija strateġika filwaqt li tinżamm ekonomija miftuħa;
5. JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tal-Unjoni li tibqa' miftuħa fil-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I biex tkompli tissaħħaħ il-kwalità tar-R&I fl-Unjoni, filwaqt li jiġu mfittxija kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u ftuħ reċiproku bbilanċjat fir-R&I, abbażi tal-valuri u l-prinċipji fundamentali kondiviżi u l-interessi strateġiċi tal-Unjoni;
6. JISĦAQ li l-iżvilupp rapidu tat-teknoloġija u l-pass mgħaġġel tal-innovazzjoni jeħtieġu qafas regolatorju flessibbli, adattat għall-iskop, orjentat lejn il-futur u favur l-innovazzjoni għat-tipi kollha ta' innovazzjoni, b'mod partikolari innovazzjonijiet rivoluzzjonarji, tat-teknoloġija profonda u fixkiela. Dan għandu jinkludi aspetti marbuta mal-istandardizzazzjoni u l-akkreditazzjoni, biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-innovaturi u l-intraprendituri, ikun hemm il-possibbiltà ta' adattament u sperimentazzjoni regolatorji u jiġu ffaċilitati mudelli kummerċjali ġodda, l-avvanz teknoloġiku u l-varar fis-suq, filwaqt li jiġu promossi miżuri biex jindirizzaw id-distakk diġitali; JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-qafas regolatorju fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali jhegġegħ l-innovazzjoni u l-intraprenditorija u jqis it-teknoloġiji emerġenti li jistgħu jgħinu biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' politika tal-Unjoni;

7. JIEĦU NOTA tal-prestazzjoni aktar baxxa tal-Unjoni fil-qasam tal-innovazzjoni meta mqabbla ma' xi wħud mill-kompetituri tagħha; JAQBEL li l-investimenti privati fir-R&I u l-użu strateġiku tal-assi intellettuali huma kruċjali għall-irkupru ta' wara l-pandemija tal-Unjoni, u għat-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija Ewropea, inkluż biex timxi 'l quddiem it-tranżizzjoni għal enerġija affordabbli, sigura u sostenibbli, pereżempju permezz ta' strateġija biex tingħata spinta lir-R&I f'idroġenu sikur u sostenibbli; JIRRIKONOXXI li negozji ġodda u SMEs innovattivi u kumpaniji ta' kull daqs b'rata għolja ta' tkabbir, flimkien ma' atturi rilevanti, fosthom inkubaturi tan-negozju, Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali u ċentri ta' kompetenza, huma kruċjali biex jitħaffef l-iżvilupp tas-soluzzjonijiet meħtieġa għat-trasformazzjoni tal-ekonomija Ewropea f'konformità mal-prijoritajiet tal-Unjoni;
8. JAQBEL li huma meħtieġa aktar riformi ta' politika fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali biex jissaħħu l-kapaċitajiet kummerċjali u intraprenditorjali u firxa usa' ta' ħiliet fost l-atturi tal-Unjoni fir-R&I, biex jittejjbu l-faċilitajiet tal-ittestjar u d-dimostrazzjoni madwar l-Ewropa, biex tiġi intensifikata l-valorizzazzjoni tal-għarfien, biex jitħaffef l-użu tar-riżultati tar-riċerka, it-teknoloġiji emerġenti u mudelli kummerċjali ġodda mill-intrapriżi, biex jitnaqqsu l-avvers għar-riskju u l-frammentazzjoni tal-qafas regolatorju tal-Unjoni, biex jiġu promossi t-tipi kollha ta' innovazzjoni, biex jittejjeb u jitħaffef l-aċċess għal finanzjament għat-tkabbir għal negozji ġodda u SMEs, kif ukoll biex jingħataw aktar inċentivi għal investimenti kapitali privati fil-forom kollha tal-innovazzjoni;

## **INRAWMU, NIĠBDU U NŻOMMU T-TALENTI**

9. IQIS li huwa kruċjali li jingħataw edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, inkluż opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet, u kundizzjonijiet tax-xogħol u opportunitajiet ta' karriera attraenti sabiex inrawmu, niġbdu u nżommu t-talenti b'firxa wiesgħa u varjata ta' kompetenzi u ħiliet, fosthom kompetenzi trażversali fl-industrija; JISĦAQ li ċirkolazzjoni tal-imħuħ aktar ibbilanċjata, mobilità transsettorjali u internazzjonali, tagħlim tul il-ħajja, edukazzjoni intraprenditorjali għall-istudenti, perkorsi ta' tagħlim flessibbli u kooperazzjoni effettiva bejn l-oqsma tar-riċerka, in-negozju u s-settur pubbliku huma l-forzi ewlenin li jixprunaw il-valorizzazzjoni tal-għarfien; JAFFERMA MILL-ĠDID il-ħtieġa li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jiġu mħeġġa jtejjbu l-kapaċitajiet tagħhom li jinvolvu ruħhom fl-ekosistemi tagħhom billi jrawmu l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa, kif ukoll il-valorizzazzjoni tal-għarfien u l-ħolqien ta' kumpaniji spin-off;

10. JAGĦRAF li huma meħtieġa aktar sforzi biex jittejjbu r-reklutaġġ, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-iżvilupp tal-karriera, il-mobilità transsettorjali u ġeografika u t-taħriġ ta' riċerkaturi u innovaturi individwali fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka tal-Unjoni; JIRRIKONOXXI s-suq tax-xogħol li qed jinbidel fl-Ewropa, il-ħtieġa li jittejjeb il-bilanċ bejn il-ġeneri, li jiġu antiċipati u evitati spariġġi fil-ħiliet u nuqqas ta' ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet, inkluż għall-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda; IHEĠĠEGĠ aktar inizjattivi mmirati lejn il-promozzjoni u t-tħaddin tal-innovazzjoni u l-ispirtu intraprenditorjali;
11. JAPPREZZA l-politiki tal-Unjoni u dawk nazzjonali biex l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jiġu mħeġġa aktar isaħħu l-mentalità intraprenditorjali fid-dinja akkademika, inkluż l-inizjattivi rilevanti li jkollhom fil-mira t-talenti fil-qasam tat-teknoloġija profonda u li jgħinu biex titnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fl-innovazzjoni fl-Ewropa; JISSOTTOLINJA li l-EIT joffri, permezz tal-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien, pjattaforma dinamika għat-tnedija, l-espansjoni u l-appoġġ għan-negozji ġodda, il-kumpaniji spin-off u l-SMEs; JILQA' BI PJACĪR il-kollaborazzjoni bejn l-EIT u l-EIC biex ikompli jissaħħu s-sinerġiji bejniethom;
12. JILQA' BI PJACĪR l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tesplora, fil-kuntest tal-Forum tal-EIC, approċċi biex jiġu indirizzati l-ostakli amministrattivi li bħalissa jillimitaw l-użu ta' opzjonijiet ta' stokk għall-impjegati madwar l-Unjoni, bħala mod kif niġbdu u nżommu kull tip ta' talent, inkluż dawk fil-qasam tat-teknoloġija profonda, kif ukoll l-intenzjoni tagħha li tivvaluta l-kamp ta' applikazzjoni għal azzjoni fil-livell tal-Unjoni mmirata lejn l-ammissjoni ta' imprendituri u fundaturi ta' negozji ġodda minn pajjiżi terzi, filwaqt li tirrispetta l-kompetenzi tal-Istati Membri f'dan il-qasam;

## **IT-TITJIB TAL-AĊĊESS GĦAL FINANZJAMENT GĦAT-TKABBIR**

13. JAGĦRAF li minkejja t-tkabbir reċenti fl-investimenti kapitali privati u t-titjib fl-għoti ta' finanzjament fi stadju bikri għal negozji ġodda, kif ukoll żieda fl-għadd ta' unicorns, l-Unjoni għadha lura meta mqabbla mal-kompetituri tagħha fejn jidħlu l-investimenti ta' kapital ta' riskju fi stadju aktar tard u l-finanzjament għat-tkabbir, b'mod partikolari għal kumpaniji tat-teknoloġija profonda li jeħtieġu ammonti sostanzjali ta' kapital paċenzjuż; JIRRIKONOXXI l-importanza li jiġu appoġġati t-tipi kollha ta' innovazzjoni u l-ħtieġa li jiżdiedu l-investimenti kapitali privati f'intrapriżi innovattivi Ewropej, b'mod partikolari negozji ġodda u negozji li qed jespandu;

14. JISĦAQ li Fond tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) li jiffunzjona tajjeb huwa essenzjali biex tissaħħaħ l-innovazzjoni Ewropea; JIEĦU NOTA tas-soluzzjoni interim dwar il-Fond tal-EIC li tippermetti lill-Fond tal-EIC jieħu deċiżjonijiet ta' investiment; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tevalwa kontinwament is-soluzzjoni interim filwaqt li tkompli l-ħidma fuq is-soluzzjoni fit-tul, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari għall-parteċipazzjoni tan-negozji ġodda, in-negozji li qed jespandu u l-SMEs u tisfrutta l-potenzjal tal-innovazzjoni tagħhom; JIRRAKKOMANDA l-ottimizzazzjoni tal-għodod eżistenti, fosthom l-EIC, minflok il-ħolqien ta' skemi supplimentari ġodda;
15. JISTIEDEN lill-Kummissjoni timplimenta l-azzjoni Scale Up 100 tal-EIC biex tappoġġa l-espansjoni ta' negozji ġodda tat-teknoloġija profonda mill-portafoll tal-benefiċjarji tal-EIC u programmi oħra tal-Unjoni billi tagħtihom appoġġ personalizzat; JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiskambjaw l-esperjenza u jaqsmu prattiki tajbin fir-rigward tal-espansjoni ta' negozji ġodda tat-teknoloġija profonda;
16. JAPPOĠĠA l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tiffaċilita, permezz tal-Programm InvestEU, aċċess aħjar għall-kapital għal negozji ġodda u SMEs innovattivi u ingranaġġ akbar tal-investimenti privati fir-R&I fl-Ewropa, inkluż billi tivvalorizza l-assi tal-proprjetà intellettuali u billi tieħu nota tagħhom meta tkun qed tivvaluta l-investimenti ta' ekwità, biex b'hekk jitnaqqsu l-kostijiet kapitali għall-SMEs; JISĦAQ li jeħtieġ li n-negozji ġodda u l-SMEs innovattivi jiksbu aktar għarfien dwar is-sejbien, l-iżvilupp u l-ġestjoni strateġika tal-assi intellettuali; JAQBEL mal-inizjattiva tal-Kummissjoni li tkabbar il-mekkaniżmu ta' Azzjoni ta' Espansjoni Ewropea għall-Kapital ta' Riskju (ESCALAR) sabiex jiġi mobilizzat aktar finanzjament ta' kapital ta' riskju għan-negozji li qed jespandu;

## IT-TITJIB U L-KONSOLIDAZZJONI TAL-EKOSISTEMI TAL-INNOVAZZJONI

17. JAGĦRAF li minkejja t-titjib fil-prestazzjoni ġenerali tal-innovazzjoni tagħha, l-Ewropa qed tkompli tħabbat wiċċha ma' disparitajiet reġjonali u nazzjonali kbar u distakk persistenti fl-innovazzjoni, li jdgħajjef il-prestazzjoni tal-ekosistema tal-innovazzjoni Ewropea kollha kemm hi, u b'hekk inaqqas ir-ritmu tal-irkupru ta' wara l-pandemija, tat-tranżizzjoni ekoloġika u tat-trasformazzjoni diġitali, inkluż it-trasformazzjoni tal-ekosistemi tal-enerġija u tal-mobbiltà tal-Unjoni, u jxekkel l-iżvilupp soċjali u ekonomiku bbilanċjat sew li kien ġie previst; JISSOTTOLINJA li l-ekosistemi tal-innovazzjoni għandhom dimensjoni reġjonali u nazzjonali b'saħħitha li għandha titqies b'mod sħiħ matul l-iżvilupp tal-politika tal-innovazzjoni; JIRRIKONOXXI l-importanza li tiġi evitata l-frammentazzjoni, kif ukoll li jissaħħu n-networking u l-kollaborazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati kollha;
18. JINNOTA li l-komunitajiet, il-bliet u r-reġjuni għandhom rwol importanti fil-bini ta' ekosistemi tar-R&I u strateġiji ta' tkabbir globalment kompetittivi. It-tisħiħ tal-kapaċitajiet lokali u l-investimenti inizjali jqiegħdu s-sisien għal ekosistema tal-innovazzjoni Ewropea ta' suċċess li twassal għall-kompetittività Ewropea; f'dan il-kuntest JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu nota tas-suġġett tematiku tal-Missjonijiet ta' Orizzont Ewropa;
19. JIRRIKONOXXI l-importanza kritika li tiżdied l-intensità tal-investment fir-R&I fir-reġjuni kollha tal-Unjoni, fosthom l-investimenti f'konformità mal-Istrateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti (S3), l-implimentazzjoni ta' riformi biex isaħħu l-ekosistemi tal-innovazzjoni u jqarrbu aktar lill-atturi nazzjonali u reġjonali tar-R&I; JAPPELLA dwar il-ħtieġa li tingħata spinta lis-sinerġiji bejn il-programmi u l-inizjattivi ta' finanzjament biex jiġu sfruttati r-riżorsi u jiġu promossi ekosistemi tal-innovazzjoni integrati fl-Istati Membri u bejniethom; JENFASIZZA b'mod partikolari l-ħtieġa li jsir progress biex jitnaqqas id-distakk fl-innovazzjoni fl-Ewropa billi jissaħħu l-bażi tax-xjenza u l-ekosistemi tal-innovazzjoni fil-pajjiżi u r-reġjuni li jkollhom rendiment aktar baxx fir-R&I biex jisfruttaw il-potenzjal tal-innovazzjoni tagħhom u jaċċelleraw it-tkabbir ekonomiku tagħhom;

20. IHEĠĠĠĠ lill-Istati Membri jidentifikaw u jsaħħu l-politiki ta' innovazzjoni mfassla apposta, bil-ħsieb li jiġu indirizzati l-isfidi u l-ħtiġijiet lokali speċifiċi filwaqt li jingħata kontribut għall-prijoritajiet strateġiċi nazzjonali u tal-Unjoni, biex titkompla l-ħidma fuq l-oqsma S3 li joffru l-aħjar opportunità lir-regġuni biex isaħħu l-kompetittività tagħhom; JISTIEDEN lill-Istati Membri jirrieżaminaw, jirrevedu u jikkonsolidaw l-istrutturi u l-mekkaniżmi nazzjonali u reġjonali tagħhom li jappoġġaw l-innovazzjoni biex jgħinu lill-kumpaniji innovattivi jespandu, jikbru u jimplifikaw is-soluzzjonijiet innovattivi lokali tagħhom għas-swieq reġjonali, nazzjonali, Ewropej u dinjija;
21. JIRRIKONOXXI li r-riformi u l-investimenti tar-R&I appoġġati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) huma mistennija li jikkontribwixxu biex tingħata spinta lill-ekosistemi tal-innovazzjoni u lill-politiki industrijali u biex jittaffew il-kriżijiet; JENFASIZZA l-importanza ta' sinerġiji bejn il-fondi tar-R&I u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;
22. JILQA' BI PJACĪR l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tidentifika u tgħin biex sa 100 reġjun Ewropew madwar l-Ewropa jsiru "widien tal-innovazzjoni reġjonali", billi torbot ekosistemi reġjonali bi speċjalizzazzjonijiet u kapaċitajiet simili u komplementari, u tiffaċilita n-networking b'mod partikolari bejn reġjuni inqas innovattivi u dawk aktar innovattivi, u b'hekk twassal għall-arrikkiment reċiproku tagħhom, bil-ħsieb li l-isforzi u l-investimenti tagħhom ikunu allinjati aħjar mal-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni u l-ktajjen tal-valur tal-Unjoni jiġu żviluppati; JISTIEDEN lill-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni mal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni, tikkordina din l-inizjattiva mal-inizjattiva Sħubijiet għall-Innovazzjoni Reġjonali (PRI) u toffri opportunitajiet ta' finanzjament taħt Orizzont Ewropa, il-FEŻR u programmi rilevanti oħra tal-Unjoni;
23. JAGĦRAF ir-rwol vitali tal-infrastrutturi tar-riċerka, l-infrastrutturi tat-teknoloġija u l-faċilitajiet tal-ittejtjar u tal-esperimentazzjoni bħala ċentri ta' kompetenza reġjonali, inkluż in-network taċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali, li jattiraw u jintegraw firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati fil-qasam tar-R&I b'mod orjentat lejn is-soluzzjonijiet u multidixxiplinari, jiffaċilitaw il-kisba ta' għarfien ġdid, jaċċelleraw l-użu ta' teknoloġiji ġodda mill-kumpaniji, u jservu bħala katalizzatur għall-innovazzjoni bbażata fuq il-post;

24. JILQA' BI PJACĪR id-Dikjarazzjoni ta' Praga dwar is-Sinerġiji fil-Finanzjament tar-R&I fl-Ewropa u l-Avviż tal-Kummissjoni – Sinerġiji bejn il-programmi tal-Orizzont Ewropa u tal-FEŻR<sup>11</sup>; IHEĠĠEGĠ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jidentifikaw ostakli persistenti u jegħlbu l-ostakli eżistenti li jxekklu s-sinerġiji bejn l-istrumenti ta' finanzjament reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni; JAQBEL li permezz tal-implimentazzjoni koerenti tagħhom, ser jiġu massimizzati l-opportunitajiet għall-atturi fil-qasam tar-R&I biex jiksbu l-oġġettivi tal-politiki tal-innovazzjoni; JILQA' BI PJACĪR l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tivvaluta, flimkien mal-Istati Membri u l-Bank Ewropew tal-Investment, il-komplementarjetajiet bejn l-istrumenti ta' finanzjament eżistenti tal-Unjoni, bil-ħsieb li tindirizza d-distakk fl-espansjoni li qed jiżded għall-kumpaniji innovattivi Ewropej, inkluż dawk tat-teknoloġija profonda;
25. JAGĦRAF il-ħtieġa għal approċċ usa' għall-ekosistema tal-innovazzjoni Ewropea; JIRRIKONOXXI r-rwol tal-EUREKA li tagħti appoġġ immirat tajjeb għan-negozji Ewropej, partikolarment l-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, tiffaċilita l-aċċess għall-għarfien internazzjonali u b'hekk tippermettilhom jinternazzjonalizzaw u jidħlu fis-swieq dinjija; JILQA' BI PJACĪR il-Memorandum ta' Qbil iffirmit reċentement bejn l-EUREKA u l-Kummissjoni sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' innovazzjoni tal-Unjoni;

---

<sup>11</sup> C(2022) 4747.

## IT-TITJIB TAL-KUNDIZZJONIJIET TA' QAFAS

26. JENFASIZZA r-rwol essenzjali tal-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja u tal-faċilitajiet tal-ittejtjar u tal-esperimentazzjoni, bħall-bankijiet tat-testijiet, id-dimostraturi, il-laboratorji ħajjin u ċ-ċentri tal-innovazzjoni diġitali, għall-ittejtjar, id-dimostrazzjoni u l-espansjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi, u biex dawn jissarrfu mil-laboratorju għall-industrija permezz ta' attivitajiet sperimentali mwettqa f'ambjent reali, marbut mal-ħin u kkontrollat u ssorveljati minn awtorità regolatorja; f'dan il-kuntest JENFASIZZA r-rwol u l-funzjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u JISSUĠĠERIXXI promozzjoni aħjar tal-provvista eżistenti tagħhom ta' ambjenti sikuri għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda u għall-verifika tal-konformità tal-innovazzjoni mal-ambjent regolatorju u n-normi tas-soċjetà; JILQA' BI PJACĪR il-fatt li l-Qafas rivedut tal-Għajnuna mill-Istat għar-Riċerka u l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni ser jagħmilha possibbli li tingħata għajnuna għall-kostruzzjoni u t-titjib tal-infrastrutturi tal-ittejtjar u tal-esperimentazzjoni;

## L-AVVANZ TAL-POLITIKI TAL-INNOVAZZJONI

27. JISSOTTOLINJA l-importanza kruċjali tal-akkwist ta' innovazzjoni ta' prodotti u servizzi ġodda u tal-akkwist prekommerċjali tar-R&I bħala strument importanti biex jingħataw inċentivi għal soluzzjonijiet ta' innovazzjoni u tiġi aċċellerata l-adozzjoni tagħhom fis-suq; IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri jiżviluppaw, irawmu politiki tal-akkwist ta' innovazzjoni u jużaw strateġikament l-akkwist ta' innovazzjoni bħala strument biex jagħtu spinta lill-innovazzjoni, u jivvalutaw il-benefiċċji u l-impatti ta' dawn il-politiki fuq l-innovazzjoni, kif ukoll iħeġġu l-użu ta' għodod innovattivi biex jitrawmu l-kooperazzjoni u s-šhubija bejn is-setturi pubbliċi u privati;
28. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tipprovdi, permezz tal-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki (PSF) ta' Orizzont Ewropa, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI) u l-Assistenza Teknika għall-Politika Reġjonali, pariri esperti lill-Istati Membri dwar kif ifasslu, joħolqu u jimplementaw politiki ta' innovazzjoni li jħallu impatt akbar u politiki tal-akkwist pubbliku li jrawmu l-innovazzjoni, inkluż permezz tat-taħriġ u t-tiħiħ tal-kapaċitajiet tal-persunal inkarigat mill-akkwist pubbliku; IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri jisfruttaw dawn l-istrumenti; JILQA' BI PJACĪR l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tappoġġa l-formazzjoni ta' servizzi ta' konsulenza speċjalizzati fl-akkwist ta' innovazzjoni;

29. IHEĠĠĠĠ lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, biex jirrieżaminaw it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea u t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Reġjonali, sabiex jirriflettu wkoll l-oġettivi tal-Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni l-ġdida, inkluż billi jinkorporaw indikaturi rilevanti dwar negozji ġodda, intrapriżi tat-teknoloġija profonda u negozji li qed jespandu li jistgħu jgħinu lil dawk li jfasslu l-politika joħolqu u jimplimentaw politiki ta' innovazzjoni bbażati fuq l-evidenza;
30. JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżviluppaw aġenda ta' politika komuni biex javvanzaw il-koordinazzjoni ta' politiki li jappoġġaw l-innovazzjoni flimkien mal-partijiet ikkonċernati tar-R&I, billi jużaw il-Forum tal-EIC bħala pjattaforma biex jipromwovu l-implimentazzjoni koerenti ta' attivitajiet u politiki Ewropej, nazzjonali u reġjonali li jappoġġaw l-innovazzjoni, biex ifasslu inizjattivi biex jittejjeb il-qafas regolatorju tal-Unjoni għall-innovazzjoni, u biex jipproponu miżuri biex jiġi żviluppat ambjent li jgħin l-innovazzjoni u ekosistema mmexxija mill-innovazzjoni fl-Ewropa; JISSUĠĠERIXXI li l-Forum tal-EIC għandu jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Forum taż-ŻER biex jiġu żgurati sinerġiji bejn l-Aġenda ta' Politika taż-ŻER u l-aġenda għall-innovazzjoni.
-